II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Diċembru 2008**

**li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja**

(2009/69/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-imsemmi Protokoll,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/49/KE, Euratom, tat-18 ta' Jannar 2005 dwar ir-regoli operattivi tal-Kumitat previst mill-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ([2]), u b'mod partikolari l-punt 3 tal-Anness mal-imsemmija Deċiżjoni,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2008,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi għall-istabbiliment ta' kumitat li jikkonsisti minn seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim' Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Bis-saħħa ta' dan il-paragrafu, il-membri tal-kumitat huma maħtura mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(2) Barra minn dan, id-Deċiżjoni 2005/49/KE, Euratom tipprevedi, fil-punt 3 tal-Anness tagħha, li l-Kunsill għandu jaħtar il-President ta' dak il-kumitat.

(3) Dawn id-disposizzjonijiet għandhom jiġu applikati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għal perjodu ta' erba' snin li għandu jibda jiddekorri mill-10 ta' Novembru 2008 dawn li ġejjin huma maħtura membri tal-kumitat previst mill-Artikolu 3(3) tal-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja:

Is-Sur Günter HIRSCH, President

Is-Sur Rafael GARCÍA-VALDECASAS Y FERNÁNDEZ

Is-Sinjura Csilla KOLLONAY LEHOCZKY

Is-Sinjura Fidelma O'KELLY MACKEN

Is-Sur Romain SCHINTGEN

Is-Sinjura paní Kateřina ŠIMÁČKOVÁ

Is-Sur Georges VANDERSANDEN.

([1]) ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7.
([2]) ĠU L 21, 25.1.2005, p. 13.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BARNIER